

31999L0036

L 138/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.6.1999

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 1999/36/KE****tad-29 ta' April 1999****dwar it-tagħmir tal-pressa trasportabbi**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarmen l-Artikolu 75(1)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (²),

Huwa u jaġixxi bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat (³),

(1) Billi fi ħdan il-qafas tal-politika tat-trasport komuni għandhom jiġu adottati miżuri oħra biex tīgħi assigurata s-sigurtà tat-trasport;

(2) Billi kull Stat Membru jirrikjedi li t-tagħmir trasportabbi li ser jintuża fit-territorju tiegħu jkollu ġertifikat u ssirli ispezzjoni, inklużi l-inspezzjonijiet perjodiċi, mill-korpi assenjati; billi din il-prattika, li tirrikjedi approvazzjonijiet multipli jekk it-tagħmir ser jintuża faktar minn Stat wieħed waqt l-operazzjoni tat-trasport, jikkonstitwixxi ostakolu għad-disposizzjoni tas-servizzi tat-trasport fi ħdan il-Komunità; billi l-azzjoni mill-Komunità biex jarmonizzaw il-proċeduri ta'approvazzjoni hija ġustifikata biex jiffaċilitaw l-użu ta' tagħmir tal-pressa trasportabbi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fil-kuntest ta'operazzjoni ta' trasport;

(3) Billi għandhom jiġu adottati miżuri għall-istabbiliment progressiv ta'suq waħdieni fit-trasport u, b'mod partikolari, għall-moviment liberu ta' tagħmir tal-pressa trasportabbi;

(¹) ĠU C 95, 24.3.1997, p. 2, u ĠU C 186, 16.6.1998, p. 11.

(²) ĠU C 296, 29.9.1997, p. 6.

(³) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 1998 (ĠU C 80, 16.3.1998, p. 217), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1998 (ĠU C 18, 22.1.1999, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 1999 (għadha mhix ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(4) Billi l-azzjoni fuq livell Komunitarju huwa l-uniku mod possibbli li tintlaħaq din l-armonizzazzjoni, peress li l-Istati Membri kemm jekk qed jaġixxu waħedhom u kemm jekk qed jaġixxu permezz ta' ftehim internazzjoni ma jistgħux jistabbilixxu l-istess grad ta' armonizzazzjoni fl-approvazzjoni ta' dan it-tagħmir; billi bħallissa, l-gharfiex ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fl-Istati Membri differenti m'huiwex sodisfaċenti minħabba l-element ta' diskrezzjoni;

(5) Billi Direttiva tal-Kunsill hija l-instrument legali xieraq biex tissahħħah is-sigurtà ta' dan it-tagħmir, peress li tiprovd qafas għal applikazzjoni uniformi u obbligatorja tal-proċeduri ta' approvazzjoni mill-Istati Membri;

(6) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE (⁴) u 96/49/KE (⁵) tawlu l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta'ADR (⁶) u RID (⁷) biex jinkorporaw it-traffiku nazzjonali biex jarmonizzaw il-kondizzjonijiet fil-Komunità li jirregolaw it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq u bil-ferroviji;

(7) Billi d-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE ipprovdekk li ssir għażla biex jiġi applikati proċeduri ta' konformità ta' stima bbażati fuq moduli skond id-Deċiżjoni 93/465/KEE (⁸) għal ġertifikat tagħmir tal-pressa trasportabbi ġodda; billi din l-ġażla għandha tinbidel ma' obbligazz-

(⁴) Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġiġiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 7).

(⁵) Direttiva tal-Kunsill 94/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġiġiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-linjal-ferrovija (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 25).

(⁶) FPT: Ftehim Ewropew rigward il-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bit-Triq.

(⁷) RIP: Regolamenti rigward il-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija perikoluża bil-Ferroviji kif imniżżeż fl-Anness I ta' l-Appendiċi B tal-verżjoni emenda tal-Konvenzjoni rigward il-ġarr internazzjonali ta' merkanzija bil-ferrovji (COTIF).

(⁸) Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 li tikkonċera l-moduli tal-fażiġiet varji tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u l-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsuba biex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23).

- zjoni estiża biex tkopri tagħmir tal-pressa trasportabbi ġdid użat għat-trasport ta' merkanzija perikoluża u li jaqaw fl-iskop ta' Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE;
- (8) Billi d-Direttiva 97/23/KE<sup>(1)</sup> tniżżeł il-ħtiġiet ġenerali għall-moviment liberu u sigurtà ta' tagħmir tal-pressa;
- (9) Billi l-apparat ta' distribuzzjoni (dispensers) ta' l-aerosol u ċ-ċilindri tal-gass għat-tagħmir tan-nifs għandhom ikunu esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva peress li l-moviment liberu u s-sigurtà tagħhom digħi jaqaw taħt id-Direttiva 75/324/KEE<sup>(2)</sup> u Direttiva 97/23/KE;
- (10) Billi l-għarfiex taċ-ċertifikati ta' approvazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, ta' l-istima ta' konformità jew proċeduri ta' stima ripetuta u tal-proċeduri perjodiċi ta' spezzjoni jikkontribwixxi għat-tnejha ta' ostakoli għall-libertà ta' provista ta' servizzi tat-trasport; billi, biex jeliminaw l-element ta' disk-rezzjoni, huwa neċċesarju li jistabbilixxu biċ-ċar liema proċeduri għandhom ikunu segwiti;
- (11) Billi huwa neċċesarju li jgħaddu regoli komuni biex ikun stabbilit l-għarfiex ta' korpi ta' inspezzjoni li jassiguraw konformità mad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE; billi dawn ir-regoli komuni jkollhom l-effett li jeliminaw l-ispejjeż li mħumix neċċesarji u proċeduri amministrat-tivi rigward l-approvazzjoni tat-tagħmir u t-tnejha ta' barrieri tekniċi għall-kummer;
- (12) Billi, biex ma jfixklux l-operazzjoni tat-trasport bejn Stat Membru u pajjiż terz, din id-Direttiva m'għandhiex tiġi applikata lil tagħmir ta' pressa trasportabbi użat esklusivament għal operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija perikoluża bejn it-territorju tal-Komunità u dak ta' pajjiż terzi;
- (13) Billi l-Istati Membri għandhom jinnominaw korpi ta' ispezzjoni li huma intitolati li jwettqu l-istima ta' konformità jew proċeduri ta' stima mill-ġdid u spezzjonijiet perjodiċi; billi għandhom ukoll jassiguraw li dawn il-korpi huma indipendenti u effiċċienti bieżżejjed u kapaċi professionalment li jwettqu x-xogħol mogħti lilhom;
- (14) Billi għandhom jiġu introdotti proċeduri spċifici biex tiġi valutata l-konformità tal-valvoli ġoddha u ta' aċċesorji oħra użati għat-trasport;
- (15) Billi għandhom jiġu introdotti disposizzjonijiet rigward l-istima mill-ġdid ta' tagħmir li digħi jeżisti, kif inhu definit fl-Anness IV, Parti II; sabiex din id-Direttiva tiġi applikata għal dan it-tagħmir;
- (16) Billi konformità mad-disposizzjonijiet tekniċi ta' l-Anness tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE għal tagħmir ġdid għandu jintwera mill-proċeduri ta' stima ta' konformità mniżżla fl-Anness IV, Parti I; billi spezzjonijiet perjodiċi ta' tagħmir eżistenti għandhom iseħħu skond il-proċeduri mniżżla fl-Anness IV, Parti III;
- (17) Billi t-tagħmir msemmi f'din id-Direttiva għandu jkollu marka li tindika l-konformità tiegħi mal-ħtiġiet ta' Direttiva 94/55/KE jew 96/49/KE u ta' din id-Direttiva biex jitqiegħed fis-suq, biex ikunu mpoġġija fis-suq, mimlija, użati u mimlija mill-ġdid skond il-għan maħsub;
- (18) Billi l-Istati Membri għandhom iħallu li tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li jkollu l-marka msemmija fl-Anness VII jimxi bla xkiel fit-territorju tagħhom, jitqiegħed fis-suq, jintuża fi ħdan kwalunkwe operazzjoni ta' trasport jew li jintuża skond il-ġhan maħsub, mingħajr ma jsiru stimi oħra jew mingħajr ma jkollhom jaqblu ma ħtiġiet tekniċi oħra;
- (19) Billi huwa xieraq li Stat Membru, sakemm jinforma lill-Kummissjoni, għandu jkun jista' jieħu miżuri biex jillimita jew jipprobixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' tagħmir fkażiċċi fejn jkun hemm riskju partikolari għas-sigurtà;
- (20) Billi għandha tiġi segwita proċedura tal-kumitat għall-emenda ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva u għall-postponiment tad-data ta' meta din id-Direttiva tidħol fis-sejjha għal ċertu tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi;

<sup>(1)</sup> Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-aprossimazzjoni tal-liggijet ta' l-Istati Membri rigward tagħmir ta' pressjoni (ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE ta' l-20 ta' Mejju 1975 dwar l-aprossimazzjoni tal-liggijet ta' l-Istati Membri rigward l-apparat li minnu joħroġ l-aerosol (ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40). Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/1/KE (ĠU L 23, 28.1.1994, p. 28).

- (21) Billi għandha ssir tħejjija għal arranġamenti transitorji biex it-tagħmir ta' pressa manifatturat skond ir-regoli nazzjonali fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, biex jitqiegħdu fis-suq u jintużaw;
- (22) Billi id-Direttivi 84/525/KEE <sup>(1)</sup> 84/526/KEE <sup>(2)</sup> u 84/527/KEE <sup>(3)</sup> fuq ċilindri tal-gass jistipulaw proċedura ta' konformità differenti minn dak stipulat minn din id-Direttiva; billi għandha tīgħi stabbilita proċedura waħda-nja għat-tagħmir kollu ta' pressa li huwa trasportabbi;
- (23) Billi proċedura ta' ispezzjoni perjodika għandha tīgħi stabbilita għall-ċilindri tal-gass eżistenti li huma skond id-Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### L-Artikolu 1

#### Il-kamp ta' applikazzjoni

1. Il-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun li titjieb is-sigurtà rigward tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi approvat għat-trasport fl-intern ta' merkanzija perikoluża bit-triq u bil-ferrovia u biex jiġi assigurat il-moviment liberu ta' dan it-tagħmir fil-Komunità, inkluż it-taqiegħid fis-suq u l-użu ripetut u l-aspetti ta' użu ripetuti.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika:

- (a) bl-iskop li jitqiegħdu fis-suq: tagħmir tal-pressa trasportabbi ġdid kif definit fl-Artikolu 2;
- (b) bl-iskop ta' stima mill-ġdid ta' konformità: ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li digħi jażeisti kif iddefinit fl-Artikolu 2 li jilħaq mal-ħtiġiet tekniċi stabbiliti fid-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE;

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 84/525/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approvvissazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward iċ-ċilindri tal-gass tal-azzar, mingħajr ġonot (ĠU L 300,1 9.11.1984, p. 1).

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 84/526/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approvvissazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward iċ-ċilindri tal-gass ta' l-aluminju bla lega u ta' l-aluminju bil-lega, mingħajr ġonot (ĠU L 300,1 9.11.1984, p. 20).

<sup>(3)</sup> Direttiva tal-Kunsill 84/527/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approvvissazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward iċ-ċilindri tal-gas ta' l-azzar iwweldjati u mingħajr legi (ĠU L 300,1 9.11.1984, p. 48).

(c) għal użu ripetut u spezzjonijiet perjodiċi:

- għat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li semma' f'(a) u (b),
- għal ċilindri tal-gass li jeżistu li jħaddnu l-marka ta' konformità stabbilta f'Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE.

3. Tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li tqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2001 jew, fil-każ ta' l-Artikolu 18, fi żmien sentej minn dik id-data u li ma sarit lu stima mill-ġdid rigward il-konformità tiegħu mal-ħtiġiet tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE, għandhom ikunu barra l-iskop ta' din id-Direttiva.

4. Tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li huwa użat esklusivament għat-ġaqqa-transport ta' merkanzija perikoluża bejn it-territorju tal-Komunità u t-territorju ta' pajiż terz, li jseħħi skond l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/55/KE jew l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 96/49/KE, għandu jkun barra l-iskop ta' din id-Direttiva.

### L-Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1. "Tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi" tfisser:

- reċipjenti (ċilindri, tubi, drums tal-pressa, reċipjenti kriōgeniċi, qatta ċilindri kif definit fl-Anness A tad-Direttiva 94/55/KE),
- it-tankijiet kollha, inklużi dawk li ma jiżżarmawx, kontenuti tat-tankijiet (tankijiet li jistgħu jiġu mċaqlqa), tankijiet tal-vaguni tat-tankijiet, tankijiet jew reċipjenti ta' vetturi bil-batterija jew vaguni bil-batterija, tankijiet tal-vetturi tat-tankijiet,

użati għat-ġaqqa-transport ta' gassijiet ta' Klassi 2 skond l-Annessi tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE u għat-ġaqqa-transport ta' ċerti sustanzi perikolużi ta' klassijiet oħra indikati fl-Anness VI ta' din id-Direttiva, inklużi l-valvoli u aċċessorji oħra użati għat-ġaqqa-transport.

Din id-definizzjoni teskludi tagħmir soġġett għall-prinċipji ġenerali ta' eżenzjoni applikabbi għal kwantitatiet żgħhar u għal każijiet speċjali msemmija fl-Anness ta' Direttiva 94/55/KE u l-Anness ta' Direttiva 96/49/KE kif ukoll l-

apparat ta' distribuzzjoni ta' l-aerosol (NU numru 1950) u ċilindri tal-gass għal strumenti li jintużaw biex jittieħed in-nifs;

Dawn il-valvoli u aċċessorji oħra użati għat-trasport jistgħu jkunu soġġetti għal proċedura ta' l-istima tal-konformità differenti u separata minn dik użata għar-reċipjent jew għat-tank.

2. "marka" tfisser is-simbolu msemmi fl-Artikolu 10;
3. "proċeduri ta' konformità ta' stima" tfisser dawk il-proċeduri mniżżla fl-Anness IV, Parti I;
4. "stima mill-ġdid ta' konformità" tfisser il-proċedura għal stima li tīgħi wara, fuq it-talba tas-sid jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fil-Komunità jew ta' dak tal-posekkur, tal-konformità tat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li digħi ġie mmanifatturat u li ġie mqiegħed f-iservizz qabel l-1 ta' Lulju jew, fil-każ ta' l-Artikolu 18, fi żmien sentejn minn dik id-data;
5. "il-korp innotifikat" tfisser korp ta' spezzjoni nominat mill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru skond l-Artikolu 8 u li jilħaq il-kriterji ta' l-Annessi I u II;
6. "il-korp approvat" tfisser korp ta' spezzjoni nominat mill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru skond l-Artikolu 9 u li jilħaq il-kriterji ta' l-Annessi I u III;

### L-Artikolu 3

#### **L-istima ta' konformità jew it-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' tagħmir ġdid tal-pressa li huwa trasportabbi**

1. Reċipjenti ġodda u tankijiet ġodda għandhom jilħqu mad-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 94/55/KE u 96/49/KE. Il-konformità ta' dan it-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi ma dawn id-disposizzjonijiet għandu jiġi stabbilit minn korp innotifikat esklusivament skond il-proċeduri ta' stima ta' konformità mniżżla fl-Anness IV, Parti I, u spċifikati fl-Anness V.

2. Valvoli ġodda u aċċessorji oħra użati għat-trasport għandhom iħarsu d-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE.

3. Valvoli u aċċessorji oħra li għandhom funzjoni ta' sigurtà diretta ftagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi, b'mod partikolari valvoli tas-sigurta, valvoli użati għall-mili u žvojt u valvoli taċ-ċilindri, għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' l-istima tal-konformità ta' l-inqas stretti bħal dawk ikunu saru għar-reċipjent jew tank li jkunu meħmużin miegħu.

4. Jekk id-Direttiva 94/55/KE u 96/49/KE ma jinkludux disposizzjonijiet tekniċi dettaljati għall-valvoli u aċċessorji msemmija fil-paragrafu 3, dawn il-vavoli u aċċessorji għandhom iħarsu il-ħtiġiet tad-Direttiva 97/23/KE u, bis-saħħa ta' dik id-Direttiva, ikunu soġġetti għal kategorija II, III jew IV tal-proċedura ta' l-istima tal-konformità kif imniżżeż fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 97/23/KE skond jekk ir-reċipjent jew it-tank jappartjeni għal kategorija 1, 2 jew 3 kif inhu mniżżeż fl-Anness V ta' din id-Direttiva.

5. L-ebda Stat Membru m'għandu jipprobixxi, jirrestrinġi jew jimpidixxi t-tqegħid fis-suq jew l-użu fit-territorju tiegħi ta' tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi msemmi fl-Artikolu 1(2)(a) li jaqbel ma' din id-Direttiva u li jħaddan il-marka relevanti msemmija fl-Artikolu 10(1) u (2).

### L-Artikolu 4

#### **L-istima ta' konformità għat-tqegħid fis-suq nazzjonali tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi**

1. Bħala deroga mill-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw fuq it-territorju tagħhom it-tqegħid fis-suq, it-transport u l-użu mill-utenti, tar-reċipjenti- inklużi l-valvoli tagħhom u aċċessorji oħra użati għat-trasport – li jaqaw taħt l-Artikolu 1(2)(a), li l-konformità tagħhom digħi għiet stimata minn korp approvat.

2. It-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi u li l-konformità tiegħi għiet stimata minn korp approvat ma jistax ikollu l-marka deskritta fl-Artikolu 10(1).

3. Il-korp approvat għandu jaħdem esklusivament għall-grupp li tiegħi huwa membru.

4. Il-proċeduri applikabbi għall-istima ta' konformità minn korpi approvati għandhom ikunu moduli A1, C1, F u G, kif deskritti fl-Anness IV, Parti I.

5. L-effetti ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u vvalutati mill-1 ta' Lulju 2004. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jaġħtu lill-Kummissjoni

kwalunkwe informazzjoni relevanti ma' l-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu. Jekk hu neċċesarju l-valutazzjoni għandha tkun akkompanjata minn proposta għall-emenda ta' din id-Direttiva.

### L-Artikolu 5

#### **L-istima mill-ġdid ta' konformità għat-tagħmir tal-pressa eżistenti li huwa trasportabbi**

1. Il-konformità tat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) bid-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness ta' Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE għandhom jiġu stabiliti minn korp innotifikat skond proċedura ta' stima mill-ġdid ta' konformità mniżżeż fl-Anness IV, Parti II, ta' din id-Direttiva.

Billi dan it-tagħmir ġie mmanifatturat fserje, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-istima mill-ġdid ta' konformità rigward ir-reċipjenti, inklużi l-valvoli tagħhom u aċċessorji ofra użati għat-transport, li jsiru minn korp approvat sakemm il-konformità tat-tip huwa stmat mill-ġdid minn korp innotifikat.

2. L-ebda Stat Membru m'għandu jipprobixxi, jirrestrinġi jew jimpidixxi t-tqegħid fis-suq jew l-użu fit-territorju tiegħu ta' tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi msemmi fl-Artikolu 1(2)(b) li jaqbel ma' din id-Direttiva u li jħaddan il-marka relevanti msemmija fl-Artikolu 10(1).

### L-Artikolu 6

#### **Spezzjoni perjodika u użu ripetut**

1. Spezzjonijiet perjodiċi tar-reċipjenti, inklużi l-vavoli u l-aċċessorji użati għat-transport, imsemmija fl-Artikolu 1(2)(c) għandhom isiru minn korp innotifikat jew approvat skond il-proċedura mniżżeż fl-Anness IV, Parti III. L-ispezzjoni perjodiċi tat-tankijiet, inklużi l-valvoli u l-aċċessorji tagħhom użati għat-transport, għandhom isiru minn korp innotifikat skond il-proċedura mniżżeż fl-Anness IV, Parti III, modulu 1.

Iżda, l-Istati Membri jistgħu jippermettu spezzjonijiet perjodiċi ta' tankijiet li jseħħu fit-territorju tagħhom isiru ukoll minn korpi approvati li ġew irrikonoxxuti biex jagħmlu l-ispezzjoni perjodiċi ta' tankijiet u li jaġixxu taħt is-sorveljanza ta' korp

innotifikat skond il-proċedura mogħtija fl-Anness IV, Parti III, Modulu 2 rigward spezzjonijiet perjodiċi minn assigurazzjoni tal-kwalitā.

2. It-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi msemmi fl-Artikolu 1(2) jista' jkun soġġett għal spezzjoni perjodika f'kwalunkwe Stat Membru.

3. L-ebda Stat Membru ma jista', fuq raġunijiet rigward tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi, jipprobixxi, jirristrinġi jew jimpidixxi l-użu (inkluż il-mili, ħażna, l-iż-vojtar u l-mili mill-ġdid) fit-territorju tiegħu tat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li ġej:

- it-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a) u (b) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(2)(c), li jissodisa d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li jħaddan il-marka li tikkorrispondi,

- ċilindri tal-gass eżistenti li jħaddnu l-marka li tikkorrispondi msemmija f'Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE u l-marka u n-numru ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva li jindikaw li saret l-ispezzjoni perjodika.

4. L-Istati Membri jistgħu jistabilixxu ħtiġiet nazzjonali għall-ħażna jew għall-użu ta' tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi, iżda mhux għat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi nnifsu jew għall-aċċessorji li hemm bżonn matul it-transport. L-Istati Membri jistgħu, iżda, skond l-Artikolu 7, iżommu l-ħtiġiet nazzjonali għall-mekkaniżmi li jgħo, għall-kodiċiċi tal-kuluri u għat-temperaturi li hemm riferenza għalihom.

### L-Artikolu 7

#### **Disposizzjonijiet nazzjonali**

1. Stat Membru jista' jżomm id-disposizzjonijiet nazzjonali tiegħu rigward mekkaniżmi maħsuba biex iġonġu ma' tagħmir ieħor u kodiċiċi tal-kuluri li japplikaw għat-tagħmir tal-pressa li huma trasportabbi saż-żmien meta l-istandardi Ewropej għall-użu jiżdiedu ma' l-Annessi ta' Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE.

Iżda, fejn jinqalaw problemi ta' sigurtà bit-transport jew bl-użu ta' ċerti tipi ta' gass, jista' jiġi mogħti perjodu transitorju qasir, skond il-proċedura mniżżeż fl-Artikolu 15, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu d-disposizzjonijiet nazzjonali tagħhom anke wara li jiżdiedu l-istandardi Ewropej ma' l-Annessi tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE.

2. Stat Membru fejn it-temperatura ta' l-ambjent hija regolarment aktar baxxa minn – 20 °C jista' jimponi standards aktar stretti rigward it-temperatura ta' l-operazzjoni ta' materjal maħsub għall-użu fit-trasport nazzjonali ta' merkanzija perikoluża fit-territorju tiegħu sakemm jiġu inkorporati disposizzjonijiet fuq it-temperaturi ta' riferenza xierqa għaż-żoni klimatiċi mogħtija fl-Annessi tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE.

paragrafu 2, bil-għan li jagħmlu spezzjonijiet perjodiċi ta' reċipjenti – inklużi l-valvoli tagħhom u aċċessorji oħra użati għat-trasport – li jikkonformaw ma' tip stimati mill-ġdid minn korp innotifikat, biex jassiguraw konformità kontinwa mad-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE skond il-proċeduri mniżżla fl-Anness IV, Parti III, modulu 1. Għandhom ukoll jikkomunikaw in-numri ta' identifikazzjoni mogħtija lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

## L-Artikolu 8

### Korpi Notifikati

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-lista ta' korpi notifikati stabbiliti fi ħdan il-Komunità li huma nnominaw biex japplikaw il-proċeduri ġodda ta' konformità ta' stima għal ċertu tagħmir tal-pressa trasportabbi skond l-Anness IV, Parti I, biex issir stima mill-ġdid tal-konformità ta' tipi eżistenti jew tagħmir bil-ġhanijiet ta' l-Annessi ta' Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE skond l-Anness IV, Parti II, u/jew li jwettqu l-ispezzjonijiet perjodiċi skond l-Anness IV, Parti III, modulu 1 u/jew li jwettqu x-xogħol ta' sorveljanza skond l-Anness IV, Parti III, modulu 2. Għandhom ukoll jikkomunikaw in-numri ta' identifikazzjoni mogħtija lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri meta jagħmlu użu mill-għażla mogħtija fl-Artikolu 6(1), it-tieni subparagraphu, għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-lista ta' korpi approvati stabbiliti fil-Komunità, li huma irrikonoxxew bil-għan li jsiru spezzjonijiet perjodiċi tat-tankijiet.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej lista tal-korpi approvati rikonoxuti, bin-numri ta' identifikazzjoni tagħhom u x-xogħol li għaliex huma kien magħrufa. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-lista tinżamm aġġornata.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej lista tal-korpi nnotifikati, bin-numri ta' identifikazzjoni tagħhom u x-xogħol li għaliex kien assenjati. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-lista tinżamm aġġornata.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji mniżżla fl-Annessi I u II għan-nomina ta' korpi nnotifikati. Kull korp għandu jagħti lill-Istat Membru li għandu l-intenzjoni li jinno minnha informazzjoni kompleta rigward, u prova ta', konformità mal-kriterji fl-Annessi I u II.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji mniżżla fl-Annessi I u III għall-għarfien ta' korpi approvati. Kull korp għandu jagħti lill-Istat Membru li għandu l-intenzjoni li jagħrfu informazzjoni kompleta rigward, u prova ta', konformità mal-kriterji f'dawk l-Annessi.

3. Stat Membru li jkun nnotifika korp għandu jieħu lura din in-notifikazzjoni jekk jintebah li l-korp m'għadux iżomm mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.

3. Stat Membru li jkun għaraf korp għandu jieħu lura din l-approvazzjoni jekk jintebah li l-korp m'għadux iżomm mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.

Għandu minnufih jinforma lil-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan l-irtirar ta' l-approvazzjoni.

Għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan l-irtirar ta' l-notifikazzjoni.

## L-Artikolu 10

### L-immarkar

## L-Artikolu 9

### Korpi approvati

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-lista ta' korpi approvati stabbiliti fi ħdan il-Komunità, li huma għarfu skond il-kriterji tal-

1. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' l-immarkar tar-reċipjenti u tat-tankijiet imniżżla fid-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE, ir-reċipjenti u t-tankijiet li jissodisfaw id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 3(1) u ta' l-Artikolu 5(1) għandhom ikoll-hom marka skond l-Anness IV, Parti I. Il-forma tal-marka li għandha tintuża hija mniżżla fl-Anness VII. Din il-marka għandha titqiegħed b'mod viżibbli u li ma tinqalax u għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat li jkun għamel il-proċedura ta' l-istima tal-konfor-

mità fuq ir-reċipjenti u fuq it-tankijiet. Fil-każ ta' stima mill-ġdid, din il-marka għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat jew approvat.

### L-Artikolu 11

#### Klawsola ta' salvagwardja

Għal tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li jaqbel ma' l-Artikolu 7(2), in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat jew approvat għandu jiġi segwit minn “- 40 °C”.

2. Valvoli ġodda u aċċessorji oħra li għandhom funzjoni ta' sigurta direkta għandu jkollhom jew il-marka msemmija fl-Anness VII miġiub hawn jew dak previst fl-Anness VI ta' Direttiva 97/23/KΕ. Dawn il-marki m'għandhomx għalfejn ikunu akkompanjati minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat li għamel l-istima ta' konformità fuq il-valvoli u l-aċċessorji l-oħra użati għat-trasport.

Il-valvoli u l-aċċessorji l-oħra m'għandhomx ikunu soġġetti għall-ebda ħtiġiet ta' immarkar speċjali.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet għall-immarkar tar-reċipjenti u tat-tankijiet imniżżla fid-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE, għall-għanjiet ta' spezzjonijiet perjodiċi, it-tagħmir kollu tal-pressa li huwa trasportabbi msemmi fl-Artikolu 6(1) għandu jkollu n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp li għamel l-ispezzjonijiet perjodiċi tat-tagħmir biex jindika li jista' jkompli jiġi użat.

Rigward iċ-ċilindri tal-gass li jaqaw taħt id-Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE, meta ssir l-ewwel spezzjoni perjodika skond din id-Direttiva, in-numru ta' identifikazzjoni msemmi qabel għandu jiġi qabel il-marka deskritta fl-Anness VII.

4. Kemm għall-istima ta' konformità kif ukoll għall-istima mill-ġdid u għall-ispezzjonijiet perjodiċi, in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat jew approvat għandu jitqiegħed b'mod viżibbli u li ma jistax jiġi mċaqlaq taħt responsabbiltà tiegħi jew mill-fabrikant, jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, jew mis-sid jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, jew mill-possessur.

5. It-tqegħid tal-marki fuq it-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li għandu mnejn ifixkel il-partijiet terzi rigward it-tifsira jew il-grafika tal-marka msemmija f'din id-Direttiva huwa projbit. Kwalunkwe marka oħra tista' titwaħħal mat-tagħmir sakemm il-viżibbiltà u l-leġibbiltà tal-marka fl-Anness VII ma jitnaqqus.

1. Fejn Stat Membru jintebah li t-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi, meta jinżamm tajjeb u meta għie użat għall-ġhan maħsub, jista' jipperikola s-saħħa u/jew is-sigurtà ta' persuni u, fejn hu xieraq, annimali domestiċi jew propjetà, matul it-trasport u/jew l-użu, minkejja l-fatt li għandu marka, jista' jirrestriġi jew jipprobixxi t-tqegħid fis-suq, it-trasport jew l-użu tat-tagħmir imsemmi jew jitneħħa mis-suq u miċ-ċirkolazzjoni. Għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni b'tali miżura, waqt li jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tibda l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati minnufih. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra, wara din il-konsultazzjoni, li l-miżura hija ġustifikata, għandha immedjatamente tinforma l-Istat Membru li jkun ħa l-inizjattiva u l-Istati Membri l-oħra.

Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra, wara din il-konsultazzjoni, li l-miżura m'hijex ġustifikata, għandha minnufih tinforma l-Istat Membru li jkun ħa l-inizjattiva u s-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fil-Komunità jew il-pussessur, jew il-fabrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fil-Komunità.

3. Fejn it-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li ma jaqbilx ikollu l-marka msemmija fl-Artikolu 10, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu azzjoni kontra l-persuna(i) li jkunu wahħħlu l-marka u għandu ukoll jinforma lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-Istati Membri jinżammu infurmati bil-progress u bir-riżultati ta' din il-proċedura.

### L-Artikolu 12

#### Immarkar mhux mistħoqq

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, fejn Stat Membru jistabbilixxi li l-immarkar deskritta fl-Anness VII kien meħmuż meta mhux suppost, is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fil-Komunità jew il-pussessur, jew il-fabrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fil-Komunità għandu jkun obbligat li jaġħmel it-taqħmir tal-pressa li huwa trasportabbi konformi rigward id-disposizzjonijiet rigward l-immarkar u biex iwaqqfu l-ksur ta' dan skond il-kondizzjonijiet imposti mill-Istat Membru.

Jekk in-non-konformità tippersisti, l-Istat Membru għandu jin-forma lill-Kummissjoni minnufih u għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jirrestrinġi jew jipprobixxi t-tqegħid fis-suq, it-trasport jew l-użu tat-tagħmir jekk biex jassigura li dan jiġi mneħħi mis-suq jew miċ-ċirkolazzjoni skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 11.

### L-Artikolu 13

## Deċiżjonijiet li jwasslu għar-rifjut jew għar-restrizzjoni

Kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed skond din id-Direttiva li għandha l-effett li tirristrinġi t-tqegħid fis-suq, it-trasport jew l-użu jew li tirrikjedi t-tnejħhi mis-suq jew miċ-ċirkolazzjoni ta' tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi għandha ssemmi r-raġunijiet eż-żi li fuqhom hi bbażata. Din id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata minnufih lill-parti kkonċernata, li fl-istess ħin tkun infurmata bir-rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-lig-jiġiet fl-Istat Membru kkonċernat u tal-limiti taż-żmien li għali-hom huma soġġetti dawn ir-rimedji.

### L-Artikolu 14

## Il-Kumitat

L-lemendi neċċessarji biex jiġu addattati l-Annessi ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 15.

### L-Artikolu 15

1. Meta ssir referenza għall-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tat-trasport ta' merkanzija perikoluża mwaqqfa skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE, minn issa 'l quddiem msejjaħ "il-Kumitat", kompost minn rappreżentanti ta' l-Istat Membru u pprese-dut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jaġhti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz flimitu taż-żmien li l-President tiegħi jippreskrivi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tiġi kkonsenjata mill-maġġoranza mniżżla fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jadotta proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istat Membru ġewwa l-Komunità għandhom jitwieżnu fil-manjiera dikjarata f'dan l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk ikunu bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

Jekk il-miżuri previsti mhumiex bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill mingħajr dewmien proposta li jkollha x'taqsam mal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, fi żmien tliet xħur mid-data meta ssir referenza lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

### L-Artikolu 16

## L-adozzjoni u l-pubblikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-lig-jiġiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Diċembru 2000. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi sabiex issir referenza bħal din għandha tiġi stabilita mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-lig-jiġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

### L-Artikolu 17

## Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw qabel l-1 ta' Lulju 2001 id-disposizzjonijiet li jkunu adottaw biex jaqblu ma' din id-Direttiva lit-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi differita għal-ċertu tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li għalihi m'hemmx speċifikazzjonijiet tekniċi jew li għalihi ma għietx miżjud referenza adegwata għall-istandardi Ewropej relevanti ma' l-Annessi tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE.

It-tagħmir li huwa affettwat minn din id-definizzjoni u d-data meta din id-Direttiva ssir applikabbli għalihi għandha tiġi dde-determinata skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 15.

**L-Artikolu 18****Arranġamenti transitorji**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq u luu ta' tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li jaqbel mar-regoli fis-seħħ fit-territorju tagħhom qabel l-1 ta' Lulju 2001 sa 24 xhar mid-data u għandhom jawtorizzaw it-tqegħid fis-ser-vizz ta' dan it-tagħmir li jkun tpoġġa fis-suq qabel dik id-data.

**L-Artikolu 19****Penali**

L-Istati Membri għandhom jippreskrivu sistema ta' penali għal kontravvenzjonijiet tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċċessarji biex jassiguraw li dawn il-penali jiġu applikati. Il-penali hekk ipprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjoni u diswassivi.

L-Istati Membri għandhom jieħdu nota tad-disposizzjonijiet relevanti għall-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2000 u għandhom jinfurmawha b'kwalunkwe bidliet li jiġu wara mill-aktar fis-possibbli.

**L-Artikolu 20****L-applikabbiltà tad-disposizzjonijiet ta' Direttivi oħra**

Mill-1 ta' Lulju 2001 jew, fil-każ ta' l-Artikolu 18, fi żmien sentejn minn dik id-data, l-uniċi disposizzjonijiet ta' Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE li għandhom jibqgħu

applikabbi għandhom ikunu dawk ta' l-Artikolu 1 u dawk ta' l-Anness I Parti 1 sa 3, ta' kull wieħed minn dawk id-Direttivi.

Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 76/767/KEE (<sup>1</sup>) ma jibqgħux japplikaw mill-1 ta' Lulju 2001 jew, fil-każ ta' l-Artikolu 18, fi żmien sentejn minn dik id-data, għal tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi li jaqa' fl-iskop ta' din id-Direttiva.

Iżda, ċertifikati ta' approvazzjoni mill-KEE għal ċilindri, maħruġa skond id-Direttivi 84/525/KEE, 84/526/KEE u 84/527/KEE għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti maċ-ċerti-fikati tat-type-examinations tal-KE msemmija f'din id-Direttiva.

**L-Artikolu 21**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubbli-kazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**L-Artikolu 22**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu l-Lussemburgu, fid-29 ta' April 1999.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

W. MÜLLER

(<sup>1</sup>) Direttiva ta' Qafas tal-Kunsill 76/767/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approvvismazzjoni tal-ligżejjiet ta' l-Istati Membri rigward id-disposizzjonijiet komuni għall-kontenituri ta' pressa u metodi biex dawn jiġu spezzjonati (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 153). Direttiva kif emenda bl-Att tas-Shubja 1994.

## ANNESS I

**KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JINTLAĦQU MINN KORPI NOTIFIKATI JEW APPROVATI, KIF IMSEMMI  
FL-ARTIKOLI 8 U 9**

1. Korp ta' spezzjoni mnotifikat jew korp ta' spezzjoni approvat li huwa parti minn organizzazzjoni involuta ffunzjonijiet oħra minnbarra spezzjoni għandhom ikunu identifikabbli fi ħdan l-organizzazzjoni.
2. Il-korp ta' spezzjoni u l-impiegati tiegħu m'għandhomx jieħdu sehem f'attivitajiet li jistgħu jkunu f-kunflitt ma' l-indipendenza tal-ġudizzju tagħhom u ma' l-integrità tagħhom rigward l-attivitajiet ta' spezzjoni tagħhom. B'mod partikolari l-impiegati tal-korp ta' spezzjoni jridu jkunu ħielsa minn kwalunkwe pressjonijiet kummerċjali, finanzjarji u oħrajn li għandhom imnejn jaffettaw il-ġudizzju tagħhom, b'mod partikolari minn nies jew organizzazzjoni jiet esterni mill-korp ta' spezzjoni b'interess fir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li jkunu saru. L-imparzjalità ta' l-impiegati li jagħmlu l-ispezzjonijiet għandha tkun garantita.
3. Il-korp ta' spezzjoni għandu jkollu għad-disposizzjoni tiegħu l-impiegati neċċesarji u għandu jippossegħedi l-faċilitajiet neċċesarji biex ikun jista' jagħmel x-xogħol tekniku u amministrattiv konness ma' l-ispezzjoni u ma' l-operazzjoni jiet iż-żur. Għandu jkollu aċċess ukoll għat-tagħmir meħtieġ biex jwettaq verifikasi kif suppost. Għandu jkollu aċċess ukoll għat-ġaqqa tagħmir meħtieġ biex jwettaq verifikasi speċjali.
4. L-impiegati tal-korp ta' spezzjoni li huma responsabbi l-għall-ispezzjoni jrid ikollhom il-kwalifiċċi xierqa, stħarriġ tekniku u professjoni sod u tagħrif sodisfaċenti tal-ħtiġiet ta' l-ispezzjonijiet li jridu jsiru u esperjenza adekwata ta' dawn l-operazzjonijiet. Biex ikun garantit livell għoli ta' sigurta l-korp ta' spezzjoni għandu jkun f-pożizzjoni biex jiaprovi għarfien espert fil-qasam ta' sigurta ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi. L-impiegati jridu jkunu kapaċi li jagħmlu ġudizzji professjoni konformi mal-ħtiġiet ġenerali bl-użu tar-riżultati ta' l-ēżamijiet u biex jagħmlu rapport fuq dan. Irid ikollhom ukoll l-abilità li hemm bżonn biex jagħmlu c-certificate, iż-żommu r-rekords u r-rapporti biex juru li l-ispezzjonijiet jkunu saru.
5. Irid ikollhom ukoll it-tagħrif relevanti tat-teknoloġija użata għall-manifattura tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi, inklużi l-aċċessorji, li huma jispezzjonaw, il-mod li bih it-tagħmir mogħi lillhom għall-ispezzjoni huwa użat jew huwa intiż li jiġi użat, u tad-difetti li jistgħu jiġi matul l-użu jew meta qed isir servizz.
6. Il-korp ta' spezzjoni u l-impiegati tiegħu jridu jwettqu stimi u verifikasi bl-għola digriet ta' integrità professjoni u kompetenza teknika. Il-korp ta' spezzjoni jrid jassigura l-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni miksuba waqt l-attivitajiet ta' spezzjoni. Id-drittijiet tal-propjetà jridu jkunu protetti.
7. Ir-remunerazzjoni tal-persuni mqabbda f'attivitajiet ta' spezzjoni m'għandhomx jiddependu direttament fuq in-numru ta' spezzjonijiet li jkunu saru u fl-ebda każ fuq ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet.
8. Il-korp ta' spezzjoni jrid ikollu assigurazzjoni ta' responsabbiltà adekwata sakemm ir-responsabbiltà tiegħu mhijiex preżonta mill-Istat skond il-liġiġiet nazzjonali jew mill-organizzazzonijiet li minnhom tagħmel parti.
9. Il-korp ta' spezzjoni jrid normalment jagħmel l-ispezzjonijiet li jikkontratta li jagħmel. Meta korp ta' spezzjoni jis-subkuntratta xi parti ta' l-ispezzjoni, għandu jassigura u jrid ikun kapaċi li juri li s-sub-kuntrattur huwa kompetenti li jwettaq is-servizz imsemmi u jrid jieħu responsabbiltà kompleta għal dak il-kuntratt.

## ANNESS II

**KRITERJI SUPPLIMENTARJI LI JRIDU JINTLAĦQU MILL-KORPI NOTIFIKATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8**

1. Korp innotifikat għandu jkun indipendenti mill-partijiet involuti u għalhekk għandu servizzi ta' spezzjoni minn "parti terza".

Il-korp innotifikat u l-impiegati responsabbli biex jagħmlu l-ispezzjoni ma jistgħux ikunu d-diżenjatur, il-fabbrikant, il-provveditur, ix-xerrej, is-sid, il-possessur, l-utent jew dak li jmantni t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi, inklużi l-aċċessorji, li l-korp jagħmel spezzjoni fuqhom, lanqas ir-rappreżtant awtorizzat ta' kwalunkwe minn dawn il-partijiet. M'għandhomx ikunu involuti direttament fl-iddesinjar, fil-manifattura, fil-bejgħ fis-suq jew fil-manutenzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi, inklużi l-aċċessorji, u l-anqas ma jirrappreżentaw il-partijiet involuti f'dawn l-aktivitajiet. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' skambi ta' informazzjoni teknika bejn il-fabrikant ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u l-korp ta' spezzjoni.

2. Il-partijiet kollha interessati jrid ikollhom aċċess għas-servizzi tal-korp ta' spezzjoni. M'għandux ikun hemm kondizzjonijiet finanzjarji b'lura jew kondizzjonijiet oħra. Il-proċeduri li l-korp irid isegwi biex jopera għandhom ikunu amministrati b'mod mhux deskriminatoreju.

## ANNESS III

**KRITERJI SUPPLEMENTARJI LI JRIDU JINTLAĦQU MILL-KORPI APPROVATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9**

1. Il-korp approvat għandu jifforma parti separata u li tista' tiġi identifikata ta' organizzazzjoni li hija involuta fl-iddisinjar, fil-manifattura, fil-fornitura, fl-użu jew fil-manutenzjoni ta' l-oġġetti li jagħmlu spezzjoni tagħhom.
2. Il-korp approvat m'għandux jinvolvi ruħu direttament fl-iddisinjar, fil-manifattura, fil-fornitura jew fl-użu ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi, inklużi l-aċċessorji taħt spezzjoni, jew oġġetti oħra simili li huma fkompetizzjoni.
3. Għandu jkun hemm separazzjoni ċara tar-responsabbilitajiet ta' l-impiegati ta' spezzjoni minn dawk ta' l-impiegati li jagħmlu xogħol ieħor, li għandhom jiġu stabbiliti minn identifikazzjoni ta' organizzazzjoni u mill-metodi ta' rapportaġġ tal-korp ta' spezzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni prinċipali.

## ANNESS IV

## PARTI I

**PROĊEDURI TA' STIMA TA' KONFORMITÀ****Modulu A** (kontroll ta' produzzjoni interna)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità li jwettaq l-obbligi imsemmija fil-punt 2, jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliex. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka Π mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformitā.
2. Il-fabbrikant għandu jfassal id-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-punt 3 u jew il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità għandu jżommha għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali relevanti għall-għani jippej jaġid minn il-ġieġi. Meta la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu huma stabbiliti fi ħdan il-Komunità, l-obbligazzjoni li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm disponibbli hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi fis-suq tal-Komunità:

  - deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi,
  - desinn konċettwali u tpinġijiet u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, etc.,
  - deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet neċċessarji għal ftehim tat-tpinġijiet u disinni msemmjja u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
  - deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jintlaħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva,
  - riżultati tal-kalkoli ta' desinn, eżamijiet li saru, etc.,
  - rapporti tat-testijiet.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir stima tal-konformitā tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha. Għandha, sakemm huwa relevanti għal din l-istima, tinkludi d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u tħalli.
4. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità, għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformitā mad-dokumentazzjoni teknika.
5. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha neċċessarji biex jassigura li l-proċess ta' manifattura jirrikjedi li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi manifatturat jaqbel mad-dokumentazzjoni teknika msemmjja fil-punt 2 u bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha.

**Modulu A1** (spezzjonijiet interni ta' manifattura bl-immonitorjar ta' l-istima finali)

Flimkien mal-ħtiġiet ta' modulu A, japplika dan li ġej.

L-istima finali għandha ssir mill-fabbrikant u mmonitorjata b'viżiġi mhux mistennija minn korp innotifikat magħżul mill-fabbrikant.

Matul viżiġi bħal dawn, il-korp innotifikat għandu:

- jassigura li l-fabbrikant jagħmel stima finali,
- jieħu kampjun ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi fil-post ta' manifattura jew ta' ħażna biex isiru l-ispezzjoni. Il-korp innotifikat jeżamina n-numru ta' oġġetti ta' tagħmir li għandu bħala kampjun u jekk huwiex neċċessarju jagħmel, jew li jgħiegħel li jsir, l-istima finali kollha jew parti minnha tal-kampjuni tat-tagħmir.

Jekk wieħed jew aktar mill-oġġetti ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ma jaqbilx, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri xierqa.

Dwar ir-risponsabbiltà tal-korp innotifikat, il-fabrikant għandu jehmeż in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp ma' kull biċċa tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

### **Modulu B** (eżami tat-tip KE)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-parti tal-proċedura li biha korp innotifikat jassigura u jiċċertifika li eżempju rappreżentattiv tal-produzzjoni maħsuba jissodisa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li japplikaw għalih.
2. L-applikazzjoni għall-type-examination tal-KE għandha titqiegħed mill-fabrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità ma korp innotifikat wieħed ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-fabrikant u, jekk l-applikazzjoni tiġi mqiegħda mir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fi ħdan il-Komunità, ismu u l-indirizz tiegħu ukoll,
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx iddepożitata ma korp innotifikat ieħor,
- Id-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-punt 3.

L-applikant għandu jqiegħed għad-disposizzjoni tal-korp innotifikat xempju rappreżentattiv tal-produzzjoni maħsuba, minn issa 'l-quddiem imsejħa "tip". Il-korp innotifikat jista' jitlob għal kampjuni oħra jekk il-programm ta' testjar jirrikjedi dan.

Tip jista' jkopri bosta verżjonijiet ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi sakemm id-differenzi bejn il-verżjoni-jiet ma jaffettwawx il-livell ta' sigurtà.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir stima tal-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalika. Għandha, sakemm huwa relevanti għal din l-istima, tinkludi d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u tinkludi:
  - deskrizzjoni ġenerali tat-tip,
  - disinn konċettwali u tpingjiet u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, etc.,
  - deskrizzjoni-jiet u spjegazzjoni-jiet neċċesarji għal ftehim tat-tpinġijiet u disinni msemmija u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
  - deskrizzjoni tas-soluzzjoni-jiet adottati biex jintlaħqu l-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva,
  - riżultati tal-kalkoli ta' disinn li jkunu seħħew, eżamijiet li saru, etc.,
  - rapporti tat-testijiet,
  - informazzjoni rigward it-testijiet użati fil-manifattura,
  - informazzjoni rigward il-kwalifikasi jew l-approvazzjoni-jiet.
4. Il-korp innotifikat għandu:
  - 4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika, jivverifika li t-tip ġie mmanifatturat b'konformità miegħu u jidentifika l-komponenti disinjati skond id-disposizzjoni-jiet relevanti tad-Direttiva.

B'mod partikolari, il-korp innotifikat għandu:

- jeżamina d-dokumentazzjoni teknika b'rispett għad-disinn u l-proċeduri ta' manifattura,
- jagħmel stima tal-materjali użati fejn dawn ma jikkonformawx mad-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva u jiċċekjaw iċ-ċertifikat maħruġ mill-fabbrikant tal-materjali,
- japprova il-proċeduri għall-għaqda permanenti partijiet ta' tagħmir ta' pressa jew jiċċekkjaw li dawn ġew approvati minn qabel,
- jivverifikaw li l-impiegati li ser jaġħmlu dan it-tagħqid permanenti ta' partijiet ta' tagħmir ta' pressa u t-testijiet mhux distruttivi huma kwalifikati jew approvati,

4.2. jaġħmlu jew għamlu l-eżamijiet xierqa u t-testijiet neċċesarji biex jistabbilixxu jekk is-soluzzjonijiet adottati mill-fabbrikant jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva;

4.3. jaġħmlu jew għamlu l-eżamijiet xierqa u t-testijiet neċċesarji biex jistabbilixxu jekk id-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva ġewx applikati;

4.4. jiftieħmu ma' l-applikant fejn ser isiru l-eżamijiet u t-testijiet neċċesarji.

5. Meta t-tip jissodisfa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li jaġġikkaw għalihi, il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tat-type-examination tal-KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat, li għandu jkun validu għal-10 snin u li jista' jiġi qed-ġed, għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant, il-konklużjonijiet ta' l-eżami u l-informazzjoni neċċesarja għall-identifikazzjoni tat-tip approvat.

Lista tal-partijiet relevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandha tiġi meħmuża maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp innotifikat.

Jekk il-korp innotifikat jirrifjuta li joħroġ ċertifikat type-examination tal-KE lill-fabbrikant jew lir-rappreżtant awtorizzat tiegħu fi ħdan il-Komunità, dak il-korp għandu jipprovd raġunijiet iddettaljati ta' dan. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

6. L-applikant għandu jinforma lill-korp innotifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika rigward iċ-ċertifikat type-examination tal-KE b'kwalunkwe bidla li ssir lit-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li jkun ġie approvat; dawn huma soġġetti għal approvazzjoni addizzjonali fejn jistgħu jaffetw il-konformità mal-htiqx tad-Direttiva jew il-kondizzjonijiet preskritti għall-użu ta' tagħmir. Din l-approvazzjoni addizzjonali għandha tingħata fil-forma ta' addizzjoni maċ-ċertifikat type-examination tal-KE oriġinali.

7. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward iċ-ċerifikati type-examination tal-KE li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward iċ-ċertifikati type-examination tal-KE li rtira jew irrifjuta.

8. Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jirċievu kopji taċ-ċertifikati type-examination tal-KE u/jew addizzjonijiet tagħhom. L-annessi taċ-ċertifikati għandhom jinżammu għad-disposizzjoni tal-korpi notifikati l-oħra.

9. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandhom iżommu mal-kopji tad-dokumentazzjoni teknika taċ-ċertifikati type-examination tal-KE u ż-żidiet tagħhom għal perjodu ta' 10 snin wara li jiġi mmanfatturat l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

Meta la l-fabbrikant jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu huma stabbiliti fi ħdan il-Komunità, l-obbligazzjoni li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm disponibbli hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

### **Modulu B1 (KE eżami tad-disinn)**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-parti tal-proċedura li biha korp innotifikat jassigura u jiċċertifika li d-disinn ta' oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jissodisfa d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi.
2. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandhom jissottomettu applikazzjoni għal eżami tad-desinn tal-KE ma' korp innotifikat wieħed.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u, jekk l-applikazzjoni tiġi mqiegħda mir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fi ħdan il-Komunità, ismu u l-indirizz tiegħu ukoll,
- dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma' ġietx iddepożitata ma' korp innotifikat ieħor,
- Id-dokumentazzjoni teknika deskritta fil-punt 3.

L-applikazzjoni tista' tkopri bosta verżjonijiet ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi sakemm id-differenzi bejn il-verżjonijiet ma jaffettaww il-livell ta' sigurtà.

3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir stima tal-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha. Għandha, sakemm huwa relevanti għal din l-istima, tinkludi d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u tinkludi:
  - deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir msemmi,
  - desinn konċettwali u tpingiġiet u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, eċċ.,
  - deskrizzjoniżiet u spiegazzjoniżiet neċċesarji għal ftehim tat-tpingiġiet u disinni msemmija u l-operazzjoni tat-tagħmir,
  - deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jintlaħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva,
  - ix-xhieda xierqa ta' appoġġ għall-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn; din ix-xieħda ta' appoġġ għandha tinkludi r-riżultati ta' testijiet li jkunu saru mil-laboratorji xierqa tal-fabbrikant jew fismu,
  - riżultati tal-kalkoli ta' disinn li jkunu seħħew, eżamijiet li saru, etc.,
  - informazzjoni rigward il-kwalifikasi jew l-approvazzjoni.

4. Il-korp innotifikat għandu:

- 4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u jidentifika l-komponenti li ġew imfassla skond id-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva.

B'mod partikolari, il-korp innotifikat għandu:

- jagħmel stima tal-materjali użati fejn dawn mhumiex b'konformità mad-disposizzjonijiet relevanti tad-Direttiva,
- japrova l-proċeduri għall-ġhaqda permanenti partijiet ta' tagħmir ta' pressa jew jiċċekkjaw li dawn ġew approvati minn qabel,
- ji verifierika li l-personal li jieħdu ħsieb ta' l-ġhaqda permanenti ta' partijiet ta' tagħmir tal-pressa u testijiet mhux distruttivi huma kkwalifikasi jew approvati;

- 4.2. jagħmel l-eżamijiet neċċesarji biex jistabbilixxi jekk is-soluzzjoniżiet adottati mill-fabbrikant humiex skond il-ħtiġiet tad-Direttiva;

- 4.3. jagħmel l-eżamijiet neċċesarji biex jistabbilixxi jekk ġewx applikati d-disposizzjonijiet tad-Direttiva.

5. Meta d-disinn huwa skond d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi, il-korp innotifikat għandu joħroġ ġertifikat ta' l-eżami tad-disinn tal-KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jkun fih l-isem u l-indirizz ta' l-applikant, il-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet, il-kondizzjonijiet għal-validità tiegħu u l-fatti magħrufa neċċesarji għall-identifikazzjoni tad-disinn approvat.

Lista tal-partijiet relevanti tad-dokumentazzjoni teknika għandha tīgi meħmuża maċ-ċertifikat u għandha tinżamm kopja mill-korp innotifikat.

Jekk il-korp innotifikat jirrifjuta li joħroġ ġertifikat ta' eżami tad-disinn tal-KE lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi ħdan il-Komunità, dak il-korp għandu jipprovdi raġunijiet iddettaljati ta' dan. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

6. L-applikant għandu jinforma lill-korp innotifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika rigward iċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-KE bi kwalunkwe bidla li ssir lid-disinn li jkun ġie approvat; dawn huma soġġetti għal approvazzjoni addizzjonali fejn jistgħu jaffetw il-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva jew il-kondizzjonijiet preskritti għall-użu tat-tagħmir. Din l-approvazzjoni addizzjonali għandha tingħata fil-forma ta' żieda maċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-KE oriġinali.
7. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward iċ-ċerifikati ta' l-eżami tad-disinn tal-KE li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti rigward iċ-ċertifikati ta' eżami tad-disinn tal-KE li rtira jew irrifjuta.

8. Il-korpi notifikati l-oħra jistgħu jagħmlu talba biex jottjenu l-informazzjoni relevanti rigward:
  - iċ-ċertifikati ta' l-eżami tad-disinn tal-KE u ż-żidiet mogħtijin,
  - iċ-ċertifikati ta' l-eżami tad-disinn tal-KE u ż-żidiet irtirati,
9. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandhom iżommu mal-kopji tad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3 taċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tad-disinn tal-KE u ż-żidiet tagħhom għal perjodu ta' 10 snin wara li jiġi mmanifatturat l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

Meta la l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu huma stabbiliti fi ħdan il-Komunità, l-obbigazzjoni li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm disponibbli hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed il-prodott fis-suq tal-Komunità.

### **Modulu C1 (konformità tat-tip)**

1. Dan il-modulu jiddeskriv dik il-parti tal-proċedura li biha l-fabbrikant, jew ir-rappresentant awtorizzat tiegħu stabbiliti fi ħdan il-Komunità, jassigura u jiddikjara li t-taghħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jikkonforma mat-tip kif deskrift fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE u jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbiliti fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka Π mat-taghħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jaġħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità.
2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri kollha neċċesarji biex jassigura li l-proċess ta' manifattura jirrikjedi li t-taghħmir ta' pressa li huwa mmanifatturat trasportabbi jaqbel mat-tip kif deskrift fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha.
3. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbiliti fi ħdan il-Komunità, għandhom iżommu kopji tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' 10 snin wara li jiġi mmanifatturat l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

Meta la l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu huma stabbiliti ġewwa l-Komunità, l-obbigazzjoni li d-dokumentazzjoni teknika tinżamm disponibbli hija r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed t-taghħmir ta' pressa li huwa trasportabbi fis-suq tal-Komunità.

4. L-istima finali għandha tkun soġġetta għall-immonitorjar fl-għamla ta' viżiti mhux mistennija minn korp innotifikat magħżu mill-fabbrikant.

Matul viżiti bħal dawn, il-korp innotifikat għandu:

- jassigura li l-fabbrikant jagħmel stima finali,
- jieħu kampjun ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi fil-post ta' manifattura jew ta' ħażna biex isiru l-ispezzjonijiet. Il-korp innotifikat jeżamina n-numru ta' oġġetti ta' tagħmir li għandu bħala kampjun u jekk huwiex neċċarju jagħmel, jew li jiġiegh li jsir, l-istima finali kollha jew parti minnha tal-kampjuni tat-tagħmir.

Jekk wieħed jew aktar mill-oġġetti ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ma jaqbilx, il-korp innotifikat għandu jieħu l-miżuri xierqa.

Dwar ir-risponsabbiltà tal-korp innotifikat, il-fabbrikant għandu jehmeż in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp ma' kull biċċa tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

#### **Modulu D** (assigurazzjoni tal-kwalitā tal-prodott)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant li jissodisa l-obbligi ta' punt 2 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jikkonforma mat-tip kif deskrift fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE u jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Il-marka II għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza tal-Komunità kif inhu speċifikat fil-punt 4.
2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema ta' kwalitā għall-produzzjoni, spezzjoni finali u t-testjar kif inhu speċifikat fil-punt 3 u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu speċifikat fil-punt 4.
3. *Sistema ta' kwalitā*

- 3.1. Il-fabbrikant għandu jissottometti applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalitā tiegħu ma' korp innotifikat ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tħalli:

- l-informazzjoni relevanti kollha fuq it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat,
- id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalitā,
- id-dokumentazzjoni teknika għat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat type-examination tal-KE.

- 3.2. Is-sistema ta' kwalitā għandha tassigura l-konformità tat-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat type-examination tal-KE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha.

L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat u għandhom jieħdu l-għamla ta' policies miktuba, proċeduri u instruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalitā għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalitā, pjaniġiet, manwali u registry.

Għandha tħalli b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

- l-għanijiet ta' kwalitā u l-istruttura organizzativa, ir-responsabbilitajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalitā tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
- il-manifattura, il-kontroll tal-kwalitā u t-tekniċi ta' assigurazzjoni tal-kwalitā, il-proċessi u l-miżuri sistematiki li jintużaw, b'mod partikolari l-proċeduri użati,
- l-eżamijiet u t-testijiet li jseħħu qabel, matul jew wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha jsiru,

- ir-reġistri ta' kwalitā, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,
- il-mezz ta' monitorjar tal-kisba tal-kwalitā meħtieġa u l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalitā.

**3.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalitā biex ikun jista' jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2.**

Il-grupp li jagħmel ir-revīżjonijiet għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tħinkludi viżita ta' spezzjoni fil-lok tal-fabrikant.

Id-deċiżjoni għandha tīgħi nnotifikata lill-fabrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

**3.4. Il-fabrikant għandu jwettaq l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalitā kif għiet approvata u għandu jassigura li din tibqa' sodisfaċenti u efficċenti.**

Il-fabrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalitā bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalitā.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalitā emenda tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tīgħi nnotifikata lill-fabrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

**4. Sorveljanza skond ir-responsabilità tal-korp innotifikat**

- 4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa biex jiġi assigurat li l-fabrikant iwettaq l-obbligi li jiġu mis-sistema ta' kwalitā approvata.
- 4.2. Il-fabrikant għandu jippermetti l-aċċess lill-korp innotifikat għall-għanijiet ta' spezzjoni għall-postijiet ta' manifattura, spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovd i-l-informazzjoni neċċesarja, b'mod partikolari:
  - dokumenti tas-sistema ta' kwalitā,
  - ir-reġistri ta' kwalitā, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi tal-persuni kkonċernati, etc.
- 4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel reviżjonijiet perjodiċi biex jassigura li l-fabrikant imantni u japplika s-sistema ta' kwalitā u jipprovd i-l-fabrikant bir-rapport tar-reviżjoni. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet perjodiċi għandha ssir b'tali mod li ssir stima mill-ġdid u kompleta kull tliet snin.
- 4.4. Flimkien ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mhux mistennija lill-fabrikant. Il-bżonn għal dawn il-viżiġi żejda, u l-frekwenza tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati skond sistema ta' kontroll tal-viżiġi mmexxija mill-korp innotifikat. B'mod partikolari, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fis-sistema ta' kontroll tal-viżiġi:
  - il-kategorija tat-tagħmir,
  - ir-riżultati tal-viżiġi ta' sorveljanza li jkunu digħi saru,
  - il-bżonn li tkun segwita azzjoni korrettiva li tkun saret,
  - fejn hu applikabbi, kondizzjonijiet speċjali konnessi mas-sistema ta' approvazzjoni,
  - bidli sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-manifattura, politika jew metodi ta' teknika.

Matul dawn il-viżiġi l-korp innotifikat jista', jekk hu neċċesarju, jagħmel it-testijiet, jew jassigura li jsiru, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalitā qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovd i-l-fabrikant b'rapport tal-viżiġi u, jekk isir test, bir-rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trassportabbi ġie manifaturat, iż-żomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:
  - id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż ta' 3.1,
  - l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 3.4,
  - id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 3.3, fl-aħħar paragrafu ta' 3.4, u f'4.3 u 4.4.
6. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun rtira jew irrifjuta.

#### **Modulu D1 (assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott)**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant li jissodisa l-obbligi ta' punt 3 jassigura u jiddikjara li l-oġġetti ta' tagħmir ta' pressa li huma trasportabbi kkonċernat jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka Π mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Il-marka Π għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza tal-Komunità kif inhu spċifikat fil-punt 5.
2. Il-fabbrikant għandu jagħmel il-dokumentazzjoni teknika deskrita hawn taħt.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir stima tal-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha. Għandha, sakemm huwa relevanti għal din l-istima, tħalli d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u tħalli:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir msemmi,
  - disinn konċettwali u tpingiġiet u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, etc.,
  - deskrizzjonijiet u spiegazzjonijiet neċċesarji għal ftehim tat-tpingiġiet u disinni msemmija u l-operazzjoni tat-tagħmir,
  - deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jintlaħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva,
  - riżultati tal-kalkoli ta' disinn li jkunu seħħew, eżamijiet li saru, etc.;
  - rapporti tat-testijiet.
3. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni finali u testjar kif inhu spċifikat fil-punt 4 u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu spċifikat fil-punt 5.
  4. *Sistema ta' kwalità*

- 4.1. Il-fabbrikant għandu jissottometti applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalità tiegħi ma' korp innotifikat ta' l-għażla tiegħi.

L-applikazzjoni għandha tħalli:

- l-informazzjoni relevanti kollha fuq it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat,
- id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalità.

- 4.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tassigura l-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi.

L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat u għandhom jieħdu l-għamla ta' policies miktuba, proċeduri u instruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanijiet, manwali u reġistri.

Għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

- l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura organizattiva, ir-responsabbilitajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
- il-manifattura, il-kontroll tal-kwalità u t-tekniki ta' assurazzjoni tal-kwalità, il-proċessi u l-miżuri sistematiki li jintużaw,
- l-eżamijiet u t-testijiet li jseħħu qabel, matul jew wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha jsiru,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,
- il-meżż ta' monitorjar tal-kisba tal-kwalità meħtieġa u l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità.

#### 4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità biex ikun jista' jistabbilixxi din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'4.2.

Il-grupp li jagħmel il-verifikasi għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tinkludi viżita ta' spezzjoni fil-lok tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tīgħi nnotifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

#### 4.4. Il-fabbrikant għandu jwettaq l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif ġiet appovata u għandu jassigura li din tibqa' sodisfaċenti u effiċienti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċidi jekk is-sistema ta' kwalità emmdata tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'4.2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tīgħi notifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

### 5. Sorveljanza skond ir-responsabbiltà al-korp innotifikat

#### 5.1. L-għan tas-sorveljanza huwa biex jiġi assigurat li l-fabbrikant iwettaq l-obbligli li jiġu mis-sistema ta' kwalità appovata.

#### 5.2. Il-fabbrikant għandu jħalli aċċess lill-korp innotifikat għall-għanijiet ta' spezzjoni għal-lokazzjonijiet ta' manifattura, spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovi l-informazzjoni neċċessarja kollha, b'mod partikolari:

- dokumenti tas-sistema ta' kwalità,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi tal-persuni kkonċernati, eċċ.

#### 5.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel reviżjonijiet perjodiċi biex jassigura li l-fabbrikant imantni u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovi lill-fabbrikant bir-rapport tar-reviżjoni. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet perjodiċi għandha ssir b'tali mod li ssir stima mill-ġdid u kompleta kull tliet snin.

5.4. Flimkien ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mhux mistennija lill-fabbrikant. Il-bżonn għal dawn il-viżiti żejda, u l-frekwenza tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati skond sistema ta' kontroll tal-viżiti immexxija mill-korp innotifikat. B'mod partikolari, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrat fis-sistema ta' kontroll tal-viżiti:

- il-kategorija tat-tagħmir,
- ir-riżultati tal-viżiti ta' sorveljanza li jkunu diġà saru,
- il-bżonn li tkun segwita azzjoni korrettiva li tkun saret,
- fejn hu applikabbli, kondizzjonijiet speċjali konnessi mas-sistema ta' approvazzjoni,
- bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-manifattura, politika jew metodi ta' teknika.

Matul dawn il-viżiti l-korp innotifikat jista', jekk hu neċċesarju, jagħmel it-testijiet, jew jassigura li jsiru, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovdi lill-fabbrikant b'rapport tal-viżita u, jekk isir test, bir-rapport tat-test.

6. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trassportabbi ġie mmani-fatturat, iżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 2,
  - id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż ta' 4,1,
  - l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 4,4,
  - id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 4,3, fl-aħħar paragrafu ta' 4,4, u f'5,3 u 5,4.
7. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira jew irrifjuta.

#### **Modulu E (assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott)**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant li jissodisa l-obbligi ta' punt 2 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jikkonforma mat-tip kif deskrift fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE u jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalih. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II ma' kull prodott u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Il-marka II għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza tal-Komunità kif inhu spċifikat fil-punt 4.

2. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni finali u testjar kif inhu spċifikat fil-punt 3 u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu spċifikat fil-punt 4.

#### **3. Sistema ta' kwalità**

3.1. Il-fabbrikant għandu jissottometti applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalità tiegħu ma' korp innotifikat ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni relevanti kollha fuq it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat,
- id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalità,
- id-dokumentazzjoni teknika għażiex qiegħi.

3.2. Skond is-sistema ta' kwalità, kull oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jiġi eżaminat u għandhom isiru t-testijiet xierqa biex jassiguraw il-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva li jaġplikaw għalih. L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat u għandhom jieħdu l-għamla ta' policies miktuba, proċeduri u instruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanijiet, manwali u reġistri.

Għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata ta':

- l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
- l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom isiru mill-fabbrikant,
- il-mezz ta' monitorjar ta' l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,

3.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità biex ikun jista' jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2.

Il-grupp li jagħmel il-verifikasi għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tinkludi viżita ta' spezzjoni fil-lok tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

3.4. Il-fabbrikant għandu jwettaq l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif ġiet approvata u għandu jassigura li din tibqa' sodisaċċenti u effiċċenti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità emmdata tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

#### 4. Sorveljanza skond ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa biex jiġi assigurat li l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li jiġu mis-sistema ta' kwalità approvata.

4.2. Il-fabbrikant għandu jħalli aċċess lill-korp innotifikat għall-għanijiet ta' spezzjoni għal-lokazzjonijiet ta' manifatura, spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovd i-l-informazzjoni neċċessarja kollha, b'mod partikolari:

- dokumenti tas-sistema ta' kwalità,
- id-dokumentazzjoni teknika,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward l-kwalifiċċi tal-persuni kkonċernati, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel reviżjonijiet perjodiċi biex jassigura li l-fabbrikant imantni u jaġplika s-sistema ta' kwalità u jipprovd lill-fabbrikant bir-rapport tar-reviżjoni. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet perjodiċi għandha ssir b'tali mod li ssir stima mill-ġdid u kompleta kull tliet snin.

4.4. Flimkien ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mhux mistennija lill-fabbrikant. Il-bżonn għal dawn il-viżiti żejda, u l-frekwenza tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati skond sistema ta' kontroll tal-viżiti immexxija mill-korp innotifikat. B'mod partikolari, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrat fis-sistema ta' kontroll tal-viżiti:

- il-kategorija tat-tagħmir,
- ir-riżultati tal-viżiti ta' sorveljanza li jkunu diġà saru,
- il-bżonn li tiġi segwita azzjoni korrettiva li tkun saret,
- fejn hu applikabbli, kondizzjonijiet speċjali konnessi mas-sistema ta' approvazzjoni,
- bidliet simifikanti fl-organizzazzjoni tal-manifattura, politika jew metodi ta' teknika.

Matul dawn il-viżiti l-korp innotifikat jista', jekk hu neċċessarju, jagħmel it-testijiet, jew jassigura li jsiru, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovd i lill-fabbrikant b'rapport tal-viżita u, jekk isir test, bir-rapport tat-test.

5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ġje mmanifaturat, iżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż ta' 3.1,
  - l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 3.4,
  - id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 3.3, fl-aħħar paragrafu ta' 3.4, u f'4.3 u 4.4.
6. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun rtira jew irrifjuta.

#### **Modulu E1 (assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott)**

1. Dan il-modulu jiddiskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant li jissodisa l-obbligi ta' punt 3 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li applikaw għaliha. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Il-marka II għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza tal-Komunità kif inhu speċifikat fil-punt 5.
2. Il-fabbrikant għandu jagħmel il-dokumentazzjoni teknika deskritta hawn taħt.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir stima tal-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi bil-ħtiġiet tad-Direttiva li applikaw għaliha. Għandha, sakemm huwa relevanti għal din l-istima, tħalli d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u tħalli:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir msemmi,
- disinn konċettwali u tpingħiġiet u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, etc.,
- deskrizzjoni u spiegazzjonijiet neċċessarji għal ftehim tat-tpingħiġiet u disinni msemmija u l-operazzjoni tat-tagħmir,
- deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jintlaħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva,
- riżultati tal-kalkoli ta' disinn li jkunu seħħew, eżamijiet li saru, etc.;
- rapporti tat-testijiet.

3. Il-fabbrikant għandu jħaddem sistema ta' kwalità għall-produzzjoni, spezzjoni finali tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u testjar kif inhu speċifikat fil-punt 4 u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu speċifikat fil-punt 5.

#### 4. Sistema ta' kwalità

- 4.1. Il-fabbrikant għandu jissottometti applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalità tiegħu ma' korp innotifikat ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tħalli:

- l-informazzjoni relevanti kollha fuq it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat,
- id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalità.

- 4.2. Skond is-sistema ta' kwalità, kull oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jiġi eżaminat u għandhom isiru t-testijiet xierqa biex jassiguraw il-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva li jaapplikaw għalihi. L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat u għandhom jieħdu x-xejra ta' policies miktuba, proċeduri u instruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjaniżiet, manwali u régistri.

Għandha tħalli b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata ta':

- l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura orgaizzjonali, ir-responsabbiltajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
- il-proċeduri użati għat-tagħqid tal-partijiet,
- l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom isiru mill-fabbrikant,
- il-mezz ta' monitorjar ta' l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifikasi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,

- 4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità biex ikun jista' jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'4.2.

Il-grupp li jagħmel ir-reviżjonijiet għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tħalli viżita ta' spezzjoni fil-lok tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tīgi nnotifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tħalli l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

- 4.4. Il-fabbrikant għandu jippenja ruħu li jadempjixxi l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif għiet appovata u għandu jassigura li din tibqa' sodisfaenti u effiċjenti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità modifikata tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'4.2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tīgi nnotifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tħalli l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

#### 5. Sorveljanza skond ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

- 5.1. L-ġhan tas-sorveljanza huwa biex jiġi assigurat li l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li jiġu mis-sistema ta' kwalità appovata.

5.2. Il-fabbrikant għandu jħalli aċċess lill-korp innotifikat għall-ġhanijiet ta' spezzjoni għal-lokazzjonijiet ta' manifatura, spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovd l-informazzjoni necessarya kollha, b'mod partikolari:

- dokumenti tas-sistema ta' kwalità,
- id-dokumentazzjoni teknika,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi tal-persuni kkonċernati, eċċ.

5.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel reviżjonijiet perjodiċi biex jassigura li l-fabbrikant imantni u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovd lill-fabbrikant bir-rapport tar-reviżjoni. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet perjodiċi għandha ssir b'tali mod li ssir stima mill-ġdid u kompleta kull tliet snin.

5.4. Flimkien ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mhux mistenija lill-fabbrikant. Il-bżonn għal dawn il-viżiti żejda, u l-frekwenza tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati skond sistema ta' kontroll tal-viżiti mmexxija mill-korp innotifikat. B'mod partikolari, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fis-sistema ta' kontroll tal-viżiti:

- il-kategorija tat-tagħmir,
- ir-riżultati tal-viżiti ta' sorveljanza li jkunu diġà saru,
- il-bżonn li tkun segwita azzjoni korrettiva li tkun saret,
- fejn hu applikabbi, kondizzjonijiet speċjali konnessi mas-sistema ta' approvazzjoni,
- bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-manifattura, politika jew metodi ta' teknika.

Matul dawn il-viżiti l-korp innotifikat jista', jekk hu necessaryu, jagħmel it-testijiet, jew jassigura li jsiru, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovd lill-fabbrikant b'rapport tal-viżita u, jekk isir test, bir-rapport tat-test.

6. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ġie manifatturat, iżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-taqṣima 2,
- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tielet inċiż ta' 4,1,
- l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 4,4,
- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 4,3, fl-aħħar paragrafu ta' 4,4, u f'5,3 u 5,4.

7. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun rtira jew irrifjuta.

#### **Modulu F** (verifikasi tal-prodott)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbil fit-han il-Komunità, jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li jaqa' taħt id-disposizzjoni ta' punt 3, jikkonforma mat-tip deskritt:

- fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE, jew
- fiċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tad-disinn tal-KE,

u jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi.

2. Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jassigura li l-proċess ta' manifattura jirrikjedi li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jaqbel mat-tip desritt:

- fiċ-ċertifikat tat-type-examination tal-KE, jew
- fiċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tad-disinn tal-KE, jew

u bil-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi.

Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità.

3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel l-eżamijiet xierqa u testijiet biex jassiguraw il-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva billi jeżaminaw u jitteßjaw kull prodott skond il-punt 4.

Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandhom iżommu kopji tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' 10 snin wara li jiġi mmanifatturat l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

4. *Verifikasi mill-eżami u testjar ta' kull oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi*

- 4.1. Kull oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jiġi eżaminat individwalment u għandhom isirru l-eżamijiet xierqa u testijiet biex jivverifikaw li jikkonformaw mat-tip u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li tapplika għaliha.

B'mod partikolari, il-korp innotifikat għandu:

- jivverifika li l-impiegati li ser jagħmlu dan it-taghħid permanenti ta' partijiet u t-testijiet mhux distruttivi huma kkwalifikati jew approvati,
  - jiċċekkja ċ-ċertifikati maħruġa mill-fabbrikant tal-materjali,
  - jagħmel l-ispezzjoni finali u test ta' prova jew jassigura li dan isir u, fejn hu xieraq, jeżamina t-tagħmir ta' sigurtà.
- 4.2. Il-korp innotifikat għandu jehmeż in-numru ta' identifikazzjoni jew jassigura li dan jiġi meħmuż ma' kull oġġett ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u joħroġ ġertifikat bil-miktub ta' konformità rigward it-testijiet li jkunu saru.
  - 4.3. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jassigura li ċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-korp innotifikat jistgħadu jitqiegħdu għad-disposizzjoni jekk issir it-talba.

#### **Modulu Ġ (lok ta' verifikasi tal-KE)**

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura fejn il-fabbrikant jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li ngħatalu ċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 4.1 jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II mat-tagħmir u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità.
2. Il-fabbrikant għandu japplika lill-korp innotifikat ta' l-għażla tiegħu bl-għażla tiegħu ta' lok ta' verifikasi. L-applikazzjoni għandha tinkludi:
  - l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u l-post fejn jinżamm it-tagħmir tal-pressa li huwa trasportabbi,
  - dikjarazzjoni bil-miktub li ma ġietx iddepożitata applikazzjoni simili ma' korp innotifikat ieħor,
  - dokumentazzjoni teknika.
3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tgħin il-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għaliha li jiġu stimati u li jiġu miftiehma d-disinn, manifattura u l-operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi:

- deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir msemmi,
- disinn konċettwali u tpingji u disinni ta' manifattura tal-komponenti, sub-assemblaġġi, ċirkwiti, etc.,
- deskrizzjonijiet u spiegazzjonijiet neċċesarji għal ftehim tat-tpingji u disinni msemmija u l-operazzjoni tat-tagħmir,
- riżultati tal-kalkoli ta' disinn li jkunu seħħew, eżamijiet li saru, etc.,
- rapporti tat-testijiet,
- dettalji xierqa rigward l-approvazzjoni tal-proċeduri ta' manifattura u tat-testijiet u tal-kwalifiċċi jew approvazzjoni uż-żonijiet ta' l-impiegati kkonċernati.

4. Il-korp innotifikat għandu jeżamina d-disinn u l-konstruzzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u matul il-manifattura jagħmel it-testijiet xierqa biex jassigura l-konformità mal-ħtiġi tad-Direttiva li japplikaw għalihi.

- 4.1. Il-korp innotifikat għandu jehmeż in-numru ta' identifikazzjoni jew jassigura li dan jiġi meħmuż mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u joħroġ ġertifikat bil-miktub ta' konformità rigward it-testijiet li jkunu saru. Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm għal perjodu ta' 10 snin.
- 4.2. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit ġewwa l-Komunità, għandu jassigura li d-dikjarazzjoni ta' konformità u ċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-korp innotifikat jistgħidu għad-disposizzjoni jekk issir it-talba.

B'mod partikolari, il-korp innotifikat għandu:

- jeżamina d-dokumentazzjoni teknika b'rispett għad-disinn u l-proċeduri ta' manifattura,
- jagħmel stima tal-materjali użati fejn dawn ma jikkonformawx mad-disposizzjoni relevanti tad-Direttiva u jiċċekjaw iċ-ċertifikat maħruġ mill-fabbrikant tal-materjali,
- approvazzjoni tal-proċeduri għall-għaqda permanenti ta' partijiet tat-tagħmir tal-pressa,
- jivverifika l-kwalifiċċi jew l-approvazzjoni uż-żonijiet meħtieġa,
- jagħmel l-ispezzjoni finali, it-testijiet ta' prova jew jassigura li dawn isiru u jeżamina t-tagħmir ta' sigurta jekk dan jaġġib.

#### **Modulu H** (assigurazzjoni tal-kwalitā sħiħa)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li biha l-fabbrikant li jissodisa l-obbligi ta' punt 2 jassigura u jiddikjara li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jissodisa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalihi. Il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jehmeż il-marka II mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Il-marka II għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza msemmija fil-punt 4.
2. Il-fabbrikant għandu jimplimenta sistema ta' kwalitā approvata għal disinn, għall-produzzjoni, spezzjoni finali u testjar kif inhu speċifikat fil-punt 3 u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu speċifikat fil-punt 4.
3. *Sistema ta' kwalitā*

- 3.1. Il-fabbrikant għandu jissottometti applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalitā tiegħi ma' korp innotifikat ta' l-ġhażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- l-informazzjoni relevanti kollha rigward it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat,
- id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalitā.

- 3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tassigura l-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw għalih.

L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjonijiet adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ornat u għandhom jieħdu x-xejra ta' policies miktuba, proċeduri u instruzzjonijiet. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-miżuri ta' proċedura u ta' kwalità bħal programmi, pjanjiġiet, manwali u reġistri.

Għandha tinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni adekwata ta':

- l-għanijiet ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalità tad-disinn u tal-kwalità tal-prodott,
- is-spezifikazzjonijiet tekniki tad-disinn, inklużi l-istandardi, li għadhom jiġu applikati,
- il-kontroll tad-disinn u tekniki għall-verifikazzjoni tad-disinn, proċessi u miżuri sistematiki li għandhom jintużaw meta jkun qed jiġi ddisinjat it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
- il-manifattura korrispondenti, il-kontroll tal-kwalità u t-tekniki ta' assigurazzjoni tal-kwalità, il-proċessi u l-miżuri sistematiki li jintużaw,
- l-eżamijiet u t-testijiet li jseħħu qabel, matul jew wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha jsiru,
- ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,
- il-mezz ta' monitorjar tal-kisba tal-kwalità meħtieġa fit-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità.

- 3.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità biex ikun jista' jistabbilixxi din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2.

Il-grupp li jagħmel ir-reviżjonijiet għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tinkludi viżita ta' spezzjoni fil-lok tal-fabbrikant.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa. Għandha ssir disposizzjoni għal proċedura ta' appell.

- 3.4. Il-fabbrikant għandu jwettaq l-obbligi ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif ġiet approvata u għandu jassigura li din tibqa sodisaċċenti u effiċċjenti.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħi stabbilit fi ħdan il-Komunità, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità mmodifikata tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-fabbrikant. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

#### 4. Sorveljanza skond ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

- 4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa biex jiġi assigurat li l-fabbrikant iwettaq l-obbligi li jiġu mis-sistema ta' kwalità approvata.
- 4.2. Il-fabbrikant għandu jħalli aċċess lill-korp innotifikat għall-għanijiet ta' spezzjoni għal-lokazzjonijiet ta' disinn, manifattura, spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovd i-l-informazzjoni neċċesarja kollha, b'mod partikolari:

- dokumenti tas-sistema ta' kwalità,
  - ir-records ta' kwalità msemmija fil-parti tad-disinn tas-sistema ta' kwalità, bħal riżultati ta' analiżi, kalkoli, testijiet, eċċ.,
  - ir-records ta' kwalità msemmija fil-parti tal-manifattura tas-sistema ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward il-kwalifiċi ta' l-impiegati kkonċernati eċċ.
- 4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel reviżjonijiet perjodiċi biex jassigura li l-fabbrikant imantni u japplika s-sistema ta' kwalità u jipprovi lill-fabbrikant bir-rapport tar-reviżjoni. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet perjodiċi għandha ssir b'tali mod li ssir stima mill-ġdid u kompleta kull tliet snin.
- 4.4. Flimkien ma' dan, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mhux mistennija lill-fabbrikant. Il-bżonn għal dawn il-vižiți jezda, u l-frekwenza tagħhom, għandhom jiġu ddeterminati skond sistema ta' kontroll tal-vižiți mmexxija mill-korp innotifikat. B'mod partikolari, il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fis-sistema ta' kontroll tal-vižiți:
- il-kategorija tat-tagħmir,
  - ir-riżultati tal-vižiți ta' sorveljanza li jkunu digħi saru,
  - il-bżonn li tkun segwita azzjoni korrettiva li tkun saret,
  - fejn hu applikabbi, kondizzjonijiet speċjali konnessi mas-sistema ta' approvazzjoni,
  - bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-manifattura, politika jew metodi ta' teknika.
- Matul dawn il-vižiți l-korp innotifikat jista', jekk hu neċċesarju, jagħmel it-testijiet, jew jassigura li jsiru, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovi lill-fabbrikant b'rappor tal-vižiña u, jekk isir test, bir-rapport tat-test.
5. Il-fabbrikant għandu, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-aħħar tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ġie manifatturat, iżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:
- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tat-tieni paragrafu ta' 3.1,
  - l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 3.4,
  - id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 3.3, fl-aħħar paragrafu ta' 3.4, u f'4.3 u 4.4.
6. Kull korp innotifikat għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira, u, meta dan jiġi mitlub, dawk li jkun ħareġ.

Kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi notifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irtira jew irrifusuta.

#### **Modulu H1 (assigurazzjoni ta' kwalità sħiħa b'eżami ta' disinn u sorveljanza speċjali tat-test finali)**

1. Flimkien mal-htigjet ta' modulu H, japplika dan li ġej.
  - (a) il-fabbrikant għandu japplika għall-eżami tad-disinn ma' korp innotifikat;
  - (b) l-applikazzjoni għandha tippermetti li d-disinn, manifattura u operazzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jiftiehem, u jippermetti konformità mal-htigjet relevanti tad-Direttiva

Għandha tinkludi:

- l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-disinn, inklużi l-istandardi, li ġew applikati,
  - ix-xhieda ta' appoġġ neċċessarja għall-adekwaterza tagħhom. Din ix-xieħda għandha tinkludi r-riżultati tat-testijiet li jkunu saru mil-laboratorju xieraq tal-fabrikant jew fismu;
  - (c) il-korp innotifikat għandu jeżamina l-applikazzjoni u meta d-disinji jaqblu mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva li jaqblu magħha joħorġu ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn tal-KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jkun fil-ikonkluzjonijiet ta' l-eżami, il-kondizzjonijiet għall-validità tiegħu, l-informazzjoni neċċessarja għall-identifikazzjoni tad-disinn approvat u, jekk hu relevanti, deskrizzjoni ta' kif jaħdem it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi;
  - (d) l-applikant għandu jinforma lill-korp innotifikat li ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn tal-KE bil-modifikazzjonijiet kollha tad-disinn approvat. Il-modifikazzjonijiet li jsiru lid-disin li jkun ġie approvat iridu jiġu approvati mill-ġdid mill-korp innotifikat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn tal-KE fejn dawn il-bidliet ja-fettaww il-ħtiġiet tad-Direttiva jew il-kondizzjonijiet preskritti għall-użu ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi. Din l-approvażzjoni addizzjonal għandha tingħata fil-forma ta' żieda maċ-ċertifikat ta' l-eżami tad-disinn tal-KE oriġinali.
  - (e) kull korp innotifikat għandu jikkomunika ukoll lill-korpi nnotifikati oħra l-informazzjoni relevanti rigward iċ-ċertifikati ta' l-eżami tad-disinn tal-KE li rtira jew irrifjuta.
2. L-istima finali hija soġġetta għal sorveljanza miżjudha fil-forma ta' viżiți mhux mistenja mill-korp innotifikat. Matul viżiți bħal dawn, il-korp innotifikat għandu jagħmel eżamijiet lit-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi.

## PARTI II

### PROĊEDURA GĦAL STIMA MILL-ĠDID TAL-KONFORMITÀ

1. Din il-proċedura tiddeksrvi l-metodu użat biex jiġi assigurat li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mqiegħed fis-suq kif inhu deskrift fl-Aritkolu 1(2)(b) jaqbel mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva 94/55/KE u 96/49/KE.
2. L-utent għandu jqiegħed għad-disposizzjoni ta' korp innotifikat l-informazzjoni rigward tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mqiegħed fis-suq li tippermetti li dak il-korp jidtegħi t-taghħmir précisament (oriġini, regoli ta' disinn u, għal ċilindri ta' l-aċċitiena, detalji tal-massa poruża). L-utent għandu, fejn hu xieraq, jgħarraf bi kwalunkwe restrizzjonijiet preskritti dwar l-użu, u jaġħi kwalunkwe noti dwar danni possibbi jew tiswixjet li jkunu saru.

Il-korp innotifikat jiċċekkja ukoll li valvoli u aċċessorji oħra li għandhom funżjoni ta' sigurtà diretta jassiguraw livell ta' sigurtà skond dak iddefinit fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva.

3. Il-korp innotifikat għandu jiċċekkja jekk it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li tqiegħed fis-suq għandux bżonn ta' l-inqas l-istess digriet ta' sigurtà bħaq -tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi msemmi fid-Direttiva 94/55/KE u 96/49/KE. L-ispezzjoni għandha ssir skond id-dokumenti improvvisti skond il-punt 2 u, fejn hu xieraq, ta' spezzjonijiet oħra.
4. Jekk ir-riżultati ta' l-ispezzjoni msemija hawn fuq huma sodisfaċenti, it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jkun soġġett għal spezzjoni perjodika msemija fl-Anness IV, Parti III.
5. Għal reċipienti li huma mmannifatturati f'serje, inklużi l-valvoli tagħhom u aċċessorji oħra użati għat-trasport, l-operazzjonijiet relevanti ta' stima tal-konformità rigward spezzjonijiet ta' tagħmir individwali, kif inhu indikat fil-punti 3 u 4 hawn fuq, jistgħu jsiru minn korp approvat sakemm korp innotifikat ikun digħi għamel operazzjonijiet ta' stima relevanti ta' konformità indikati fil-punti 3.

## PARTI III

**PROĊEDURI GĦAL SPEZZJONIJET PERJODIĊI****Modulu 1** (spezzjonijiet perjodiċi tal-prodotti)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura meta s-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità jew il-possessur jassigura li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi soġġett għal punt 3 jkompli jilħaq il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.
2. Biex jissodisfa l-ħtiġiet imsemmija fil-punt 1 is-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità jew il-possessur għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċċesarji biex jassiguraw li l-kondizzjonijiet ta' użu u ta' manutenzjoni jassiguraw il-konformità kontinwa tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari biex:
  - it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi huwa użat kif inhu maħsub,
  - jiġi mimli fċentri ta' mili xierqa,
  - jseħħu xogħolijiet ta' manutenzjoni jew tiswija,
  - l-ispezzjonijiet perjodiċi neċċesarji jseħħu.

Il-miżuri li jittieħu għandhom jiġu mniżżla f'dokumenti u jinżammu għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali mis-sid jew mir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità jew mill-possessur.

3. Il-korp ta' spezzjoni għandu jagħmel l-eżamijiet xierqa u testijiet biex jassiguraw il-konformità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva billi jeżaminaw u jittestjaw kull prodott skond punt 4.
  - 3.1. It-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kollu għandu jiġi eżaminat individwalment u testijiet xierqa, kif inhu mniżżeq fid-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE, għandhom isiru biex jiċċekkjaw li huma skond il-ħtiġiet ta' dawk id-Direttivi.
  - 3.2. Il-korp ta' spezzjoni għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu jew jara li dan iseħħ ma' kull prodott li jkun qed jiġi spezzjonat perjodikament immedjata wara d-data ta' l-ispezzjonijiet perjodiċi u mniżżla fċertifikat ta' spezzjoni perjodika miktub. Dak iċ-ċertifikat jista' jinkludi numru ta' ogħġetti ta' tagħmir (ċertifikat tal-grupp).
  - 3.3. Is-sid jew ir-rappreżtant tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur għandu jżomm iċ-ċertifikat ta' spezzjoni perjodika mitlub skond taqsimha 3.2, u d-dokumenti meħtieġa skond il-punt 2 ta' l-inqas sa l-ispezzjoni perjodika ta' wara.

**Modulu 2** (spezzjoni perjodika minn assigurazzjoni ta' kwalità)

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċeduri li ġejjin:
  - il-proċedura li biha s-sid jew ir-rappreżtant tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità jew il-possessur, li jissodisfa l-obbligi ta' punt 2, jassiguraw u jiddikjaraw li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jkompli jilħaq il-ħtiġiet tad-Direttiva. Is-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur, għandu jwaħħal id-data ta' spezzjoni perjodika mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi u jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub tal-konformità. Id-data ta' spezzjoni perjodika għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat responsabbi għas-sorveljanza kif inhu spċifikat fil-punt 4,
  - il-proċedura li biha, fil-każ ta' spezzjoni perjodika ta' tankiċċi li ssir mill-korp approvat skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6(1), il-korp approvat jissodisfa l-obbligi ta' l-aħħar paragrafu ta' punt 2, jiċċertifika li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jkompli jaqbel mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Il-korp approvat għandu jwaħħal il-data ta' l-ispezzjoni perjodika mat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kollu u jagħmel ċertifikat ta' spezzjoni perjodika.

Id-data ta' l-ispezzjoni perjodika għandha tkun akkompanjata minn numru ta' identifikazzjoni tal-korp approvat.

2. Is-sid jew ir-rappreżtant tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur għandhom jieħdu l-passi neċċesarji kollha biex jassiguraw li l-kondizzjonijiet ta' użu u ta' manutenzjoni huma magħmula b'tali mod li jippermettu li t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi jaqbel b'mod permanenti mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari li:

- it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi huwa użat kif inhu maħsub,
- jiġi mimli fċentri ta' mili xierqa,
- jseħħu xogħolijiet ta' manutenzjoni jew tiswija,
- isiru l-ispezzjonijiet perjodiċi neċċesarji.

Il-miżuri li jittieħdu għandhom jiġu mniżza f'dokumenti u jinżammu għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali mis-sid jew mir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew mill-possessur.

Is-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur għandhom jassiguraw li l-impiegati kkwalifikati u l-faċilitajiet neċċesarji fi ħdan it-tifsira ta' l-Anness I, punti 3 u 6, huma disponibbli għall-għan ta' l-ispezzjonijiet perjodiċi.

Is-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat għandu jopera sistema ta' kwalità approvata għall-ispezzjonijiet perjodiċi u testijiet tat-tagħmir kif inhu speċifikat fil-punt 3, u jkun soġġett għal sorveljanza kif inhu speċifikat fil-punt 4.

### 3. Sistema ta' kwalità

- 3.1. Is-sid jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat għandu jagħmel applikazzjoni għall-istima tas-sistema ta' kwalità tiegħu għal tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi ma' korp innotifikat ta' l-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tħalli:

- l-informazzjoni relevanti kollha dwar it-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi li jkun ingħata għall-ispezzjoni perjodika,
  - id-dokumentazzjoni rigward is-sistema ta' kwalità.
- 3.2. Skond is-sistema ta' kwalità, kull oġġettiv ta' tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jiġi eżaminat u għandhom isiru t-testijiet xierqa biex jassiguraw il-konformità mal-ħtiġiet imniżza fl-Annessi tad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE. L-elementi kollha, il-ħtiġiet u d-disposizzjoni adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat u għandhom jieħdu l-għamla ta' policies mikxtuba, proċeduri u instruzzjoni. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi ta' kwalità, pjanijiet, manwali u reġistri.

Għandha tħalli b'mod partikolari deskrizzjoni adegwata ta':

- l-oġġettivi ta' kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-saħħa ta' l-amministrazzjoni rigward il-kwalità tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi,
  - l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom isiru għall-ispezzjoni perjodika,
  - il-mezz ta' monitorjar ta' l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità,
  - ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrazzjoni, rapporti rigward l-kwalifiċċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati,
- 3.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità biex ikun jista' jistabbilixxi din tissodisfax il-ħtiġiet imsemmija f'3.2.

Il-grupp li jagħmel il-verifikasi għandu jkollu ta' l-inqas membru wieħed bl-esperjenza li jistma t-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi kkonċernat. Il-proċedura ta' stima għandha tinkludi viżita ta' spezzjoni fil-bini tas-sid jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew tal-possessur jew tal-korp approvat.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-sid jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew lill-possessur jew lill-korp approvat. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

- 3.4. Is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat għandu jaċċetta li jwettaq l-obblig li jiġi mis-sistema ta' kwalitā kif ġiet approvata u jassiguraw li tibq'a sodis-facenti u effiċjenti.

Is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat, għandu jinforma l-korp innotifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalitā bi kwalunkwe aġġustament maħsub għas-sistema ta' kwalitā.

Il-korp innotifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalitā mmodifikata tissodisfax il-ħtieġ imsemmija f'3,2 jew jekk hemmx bżonn stima mill-ġdid.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-sid jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew lill-possessur jew lill-korp approvat. In-notifikazzjoni għandha tinkludi l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet u d-deċiżjoni ta' l-istima milħuqa.

#### 4. Sorveljanza skond ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

- 4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa biex tassigura li s-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat iwettqu l-obblig li joħorġu mis-sistema approvata ta' kwalitā.

- 4.2. Is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat għandu jippermetti lill-korp innotifikat aċċess għall-ghajnejiet ta' spezzjoni għal postijiet ta' spezzjoni, testjar u ħażna u jipprovd l-informazzjoni neċċarja kollha, b'mod partikolari:

- dokumenti tas-sistema ta' kwalitā,
- id-dokumentazzjoni teknika,
- ir-reġistri ta' kwalitā, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, rapporti rigward l-kwalifiċi tal-persuni kkonċernati, eċċ.

- 4.3. Il-korp innotifikat għandu jagħmel verifikasi perjodiċi biex jassigura li s-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat imantni u japplika s-sistema ta' kwalitā u jipprovd s-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat b'rappor ta' verifika.

- 4.4. Kif ukoll, il-korp innotifikat jista' jagħmel viżiti mingħajr tagħrif lis-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew lill-possessur jew lill-korp approvat. Matul dawn il-viżiti l-korp innotifikat jista' jekk hu neċċarju jagħmel it-testijiet jew jassigura li jsiru biex jivverifika li s-sistema ta' kwalitā qed taħdem kif suppost. Il-korp innotifikat għandu jipprovd lis-sid jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew lill-possessur jew lill-korp approvat b'rappor ta' verifika.

5. Is-sid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità jew il-possessur jew il-korp approvat għandu, għal perjodu ta' 10 snin mid-data ta' l-aħħar perjodu ta' spezzjoni tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi, jżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali:

- id-dokumentazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tat-tieni paragrafu ta' 3.1,
- l-aġġustamenti msemmija fit-tieni paragrafu ta' 3.4,
- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li huma msemmija fl-aħħar paragrafu ta' 3.3, fl-aħħar paragrafu ta' 3.4, u f'4.3 u 4.4.

## ANNESS V

**MODULI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI GĦAL STIMA TA' KONFORMITÀ**

It-tabella li ġeja tindika liema moduli ta' stima ta' konformità kif inhu deskritt fl-Anness IV, Parti I, għandhom jiġu segwiti għal tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi deskritt fl-Artikolu 2(1).

Kategorija tat-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi	Moduli
1. Reċipjenti li għalihom il-prodott tal-pressa ta' test u l-kapaċitā mhumiex aktar minn $100 \text{ MPa} \times \text{litru}$ 1 000 bar $\times$ litru)	A1, jew B flimkien ma' Ċ1
2. Reċipjenti li għalihom il-prodott tal-pressa ta' test u l-kapaċitā hija aktar minn 100 u mhux aktar minn $300 \text{ MPa} \times \text{litru}$ 1 000 u 3 000 bar $\times$ litru rispettivament)	H, jew B flimkien ma E, jew B flimkien ma' Ċ1
3. Reċipjenti li għalihom il-prodott tal-pressa ta' test u l-kapaċitā hi aktar minn $300 \text{ MPa} \times \text{litru}$ 3 000 bar $\times$ litru), u tankijiet	Ġ, jew H1, jew B flimkien ma' D, jew B flimkien ma' F

1. It-tagħmir ta' pressa li huwa trasportabbi għandu jkun soġġett għal, fl-għażla tal-fabbrikant, wieħed mill-proċeduri ta' stima tal-konformità mniżżla għall-kategorija li fihha hi kklassifikata. Fil-każ ta' reċipjenti jew il-valvoli tagħhom jew aċċessorji oħra użati għat-transport, il-fabbrikant jista' jagħżel li japplika wieħed mill-proċeduri mniżżla għall-kategoriji aktar għoljin.
2. Bħala parti mill-proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalitā, il-korp innotifikat għandu, meta jagħmel vižiți mhux annunċati, jieħu kampjun tat-tagħmir fil-post ta' manifattura jew ħażna għall-għanijiet li jagħmel spezzjoni, jew li jassigura li ssir spezzjoni, b'konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Għal dan l-iskop il-fabbrikant għandu jin-forma lill-korp innotifikat bil-programm ta' produzzjoni li jkun ippjanat. Il-korp innotifikat għandu jagħmel ta' l-inqas żewġ vižiți matul l-ewwel sena ta' manifattura. Il-frekwenza tal-vižiți suċċessivi għandha tīgħi ddeterminata mill-korp innotifikat fuq il-bażi tal-kriterji mniżżla fil-punt 4.4 tal-moduli relevanti fl-Anness IV, Parti I.

## ANNESS VI


**LISTA TA' SUSTANZI PERIKOLUŻI MINBARRA DAWK FKЛАSSI 2 MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2**

Numru NU	Klassi	figuri ADR/RID	Sustanzi perikolużi
1051	6.1	1	idroġenu ċjanur stabbilizzat
1052	8	6	Idroġenu fluworidu anidru
1790	8	6	Aċidu idrofuworiku

## ANNESS VII

**MARKA TA' KONFORMITÀ**

Il-marka ta' konformità għandha tieħu l-għamla li ġejja:



Jekk il-marka tiġi ridotta jew imkabba, il-proporzjonijiet tat-tpinġi ja ta' hawn fuq għandhom jiġu rrispettati.

Il-komponenti varji tal-marka għandhom ikollhom sostanzjalment l-istess dimenzjonijiet vertikali, li ma jistgħux ikunu inqas minn 5 mm.

Din id-dimenzjoni minima tista' tiġi rinunzjata għal apparati żgħar.

---